**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**Noel Micallef detentur tal-karta ta' l-identita` numru 0258185(M);**
**u**
**Roderick Micallef detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0264584(M)**

***Kump. Nru. 589/2016***

Illum 24 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Noel Micallef u Roderick Micallef talli:

1. f'dawn il-Gżejjer, fl-10 t' Ottubru, 2015, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) ghad-dannu ta' Royston Muscat u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank BOV u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

2. kif ukoll fil-Marsa, fis-07 ta' Novembru, 2015, bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb billi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu attentat sabiex jaghmlu qligh ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) ghad-dannu ta' Royston Muscat u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank BOV u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom;

3. fl-istess perjodu, cioe' fis-07 ta' Novembru, 2015, u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' iffalsifikajtu cekkijiet numru 744 u 761 mahruga fuq kont bankarju tal-BOV bin-numru 40016490156;

4. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament ghamlu uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

5. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skriitura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' iffalsifikaw cekkijiet bin-numru 744 u 761 mahruga fuq kont bankarju tal-BOV bin-numru 40016490156;

6. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament ghamlu uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skriitura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

7. fl-10 ta' Ottubru, 2015, gewwa dawn l-Marsa, ikkommettew serq ta' flus, liema serq sar ghad-dannu ta' Rotston Muscat u/jew ta' xi persuna/i, u/jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

8. u aktar talli fis-07 ta' Novembru, 2015, gewwa l-Marsa, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq ta' flus ghad-dannu ta' Royston Muscat u/jew ta' xi persuna/i, u/jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra wrew dan il-hsieb b'atti

esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u li kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-Ewro 2,329.37;

Il-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-20 ta' Jannar, 2017, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-akkuza 5 kienet nghatat bhala akkuza alternattiva ghall akkuza numru 3, filwaqt li l-akkuzi 7 u 8 nghataw bhala alternattivi ghall-ewwel u t-tieni akkuzi rispettivament.

Rat li l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hajta ghall-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu setghu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hati tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.
Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghdin jinstabu hajtja dwarhom l-imputati, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali taghhom fejn dik tal-imputat Roderick Miacllef hi wahda netta, l-ammissjoni relattivament bikrija taghhom u partikolarment ta' dak li gie kkonstat u rrakomandat mill-Probation Officer.

Illi it-tielet akkuza hija mezz ghall-fini ghat-tieni akkuza.

Illi r-raba u s-sitt akkuza huma mezz ghall-fini ghall-ewwel u ghat-tieni akkuza.

Illi l-hames, is-seba u t-tmien imputazzjonijiet huma alternattivi ghat-tielet, ghall-ewwel u ghat-tieni imputazzjonijiet rispettivament u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 41, 167(1), 169, 184, 308, 309, 310(1)(b) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, izda bl'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputati taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghataw l-ghajnuna kollha mehtiega kemm biex jghelbu l-vizzju tad-droga kif ukoll kwalunkwe ghajnuna psikologika jekk tirrizulta li hija mehtiega.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk jonqsu milli jsegwu ordnijiet moghtija lilhom mill-Ufficjal tal-Probation.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**